

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2022/C 145/06)



Wiċċ nazzjonali tal-muniti kommemorattiva l-ġdida taż-żewġ euro, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Italja

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom *status* ta' valuta legali fiż-Żona tal-Euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħroġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti taż-żewġ euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra taż-żewġ euro, iżda n-naħa nazzjonali tagħhom fiha disinn kommemorattiv li jkun simboliku ħafna f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: L-Italja

Is-suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-mija u sebgħin anniversarju mit-twaqqif tal-Pulizija Nazzjonali Taljana

Id-deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri żewġ uffiċjali tal-"Polizia di Stato" (Forza tal-Pulizija Nazzjonali Taljana), mara u raġel, li jispikkaw fuq quddiem, quddiem karozza tal-pulizija. Fuq, l-iskriżzjoni fil-forma ta' ark "POLIZIA DI STATO"; fuq il-lemin "RI", akronimu tar-Repubblika Taljana; l-iskriżzjoni "R", li tidentifika z-Zekka ta' Ruma, l-inizjali "AM" tad-disinjatur Annalisa Masini u d-dati "1852 - 2022", jidhru fuq ix-xellug, fiċ-ċentru u fuq il-lemin, rispettivament.

Iċ-ċirku ta' barra tal-muniti juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

L-għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 3 000 000

Id-data tal-ħruġ: Jannar 2022

⁽¹⁾ Ara ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għan-naħat nazzjonali tal-muniti kollha maħruġa fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).